MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 932/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**
**vs**
**Jeffrey Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jeffrey Borg ta’ 31 sena, iben Saviour u Esther nee’ Gauci, imwieled 28 ta’ Settembru 1977 fil-Pieta’ u residenti 14, G T Blk B, F1, 19, Triq il-Villeggjatura, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 498377(M) ;

F’dawn il-Gzejjer fil-15 ta’ Awwissu 2009 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu (02:30 a.m) fi Triq Santu Wistin, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Anthony Schembri.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jew jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Anthony Schembri jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' Gunju 2010 (esebita a fol. 59 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 214, 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta' Gunju 2010, l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li sehhet fil-15 ta' Awwissu 2009 ghall-habta tas-2.30 a.m. fi Triq Santu Wistin, San Giljan jew fil-vicinanzi fejn gew kagunati feriti ta' natura gravi, precizament qata' fuq il-left eyebrow, skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku esebit a fol. 16 tal-process u mix-xhieda ta' Dr. Valerio Vella Catalano (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 29 sa 30 tal-atti processwali) u cioe' t-tabib li rrilaxja l-imsemmi certifikat mediku.

Anthony Schembri l-allegat vittma li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru 2009 qal li xi ftit taz-zmien qabel il-15 ta' Awwissu 2009 huwa kellu xi jghid mal-imghallem tal-imputat, certu Franco Sammut, dwar kollizzjoni. Huwa qal li lil dan il-persuna ma kienx jafu qabel u spjega li fil-15 ta' Awwissu kien ghaddej mal-habib tieghu Reuben Micallef gewwa Paceville, precizament minn quddiem l-O'Casey's Pub, li wara skopra li kien propjeta' tal-imsemmi Franco Sammut, meta hareg dan tal-ahhar gie quddiemu u qallu 'issa qed

tgharafni', beda jkellmu b'mod vulgari u imbaghad xejjirlu daqqa ta' ponn u f'daqqa wahda dejjem skond Schembri daru ghalih erba min-nies li kienu jahdmu bhala security fil-pub ta' Sammut u huwa u siehbu harbu jigru lejn il-Fuego Bar. Schembri jsostni li waqt li kien qed jigri l-imputat li kien wiehed mill-erba' min-nies li daru ghalih lahqu u tah daqqa ta' radio fuq rasu u qasamlu fuq ghajnejh. Schembri jghid li meta hu u siehbu waslu l-Fuego u dahlu gewwa sabiex jaharbu lill-erba' min-nies li kienu qed jigru warajhom l-imputat beda' jghidlu li kien ser jaqtalu rasu barra u meta huwa staqsieh x'kellu x'jaqsam mieghu dan irrisponda li l-imghallem tieghu kien sidu.

Reuben Micallef, il-habib ta' Anthony Schembri, li wkoll xehed waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2009, ikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Anthony Schembri u identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien xejjer daqqa ta' radio lil Anthony Schembri.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri izda fis-16 ta' Awwissu 2009 irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 11 sa 12 tal-atti processwali) fejn huwa spjega li kien jahdem bhala barman fl-O'Casey's Pub, San Giljan u li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien wara l-bar meta ra bniedem qed jargumenta mal-imghallem tieghu Franco Sammut u f'daqqa wahda qamet gegwigija shiha u huwa mar sabiex iferraq u mbaghad il-persuna li kellu xi jghid mal-imghallem tieghu telaq jigri. L-imputat jghid li huwa imbaghad rega' dahal lura fil-hanut sabiex ikompli b'xogholu u cahad li kien ta xi daqqa lil Anthony Schembri jew li kien gera warajh ma xi nies ohra meta harab.

Franco Sammut l-imghallem tal-imputat li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar 2010 qal li fil-gurnata u l-hin in kwistjoni Anthony Schembri, li precedentement kellu xi jghid mieghu fuq xi kollizjoni, mar fuqu u l-ewwel staqsih jekk kienx qed jgharfu u imbaghad tah daqqa ta' ras u huwa waqa mal-art u qamet gegwigija shiha. Sammut jghid li meta qam min mal-art ried imur ghall-persuna li kien tah id-daqqa ta' ras, u cioe' Anthony Schembri, izda bdew izommuh in-nies li jahdmu mieghu u meta rnexxielu jisgicca minn min kien qed jipprova

jzommu gera wara Schembri u segwih sal-Fuego fejn dan tal-ahhar dahal fl-imsemmi bar u huwa beda jsejjahlu minn barra sabiex johrog ghall-glied izda bdew iwaqfuh is-security personnel tal-Fuego. Sammut jghid li f'xi hin waqt li kien hdejn il-Fuego Charles Gauci gibidlu l-attenzjoni li kellu d-demm ma wiccu u ghalhekk huwa mar lura l'O'Casey's fejn meta nadfulu wiccu skopra li d-demm ma kienx tieghu ghaliex huwa ma kellu l-ebda qata' f'wiccu izda biss gundalla. Dan ix-xhud qal li d-daqqa li Schembri kellu fuq ghajnejh probabilment giet kagunata minhabba d-daqqa ta' ras li huwa stess kien tah. Sammut qal ukoll li l-imputat ma geriex wara Schembri lejn il-Fuego izda rega' dahal lura fil-bar ghaliex kellu n-nies mal-bar u x-xoghol x'jaghmel. Huwa qal li l-imputat u l-barmen fl-istabbiliment tieghu ma jkollhomx radio fil-pussess taghhom ghaliex xogholhom huwa wara l-bar u ghalhekk m'ghandhomx bzonn radio. Il-verzjoni li ta Franco Sammut giet konfermata minn Charles Gauci [1] il-manger tal-O'Casey's Pub.

F'dawn il-proceduri inoltre xehdu David Bonello [2] u Anthony Azzopardi [3] li t-tnejn jahdmu bhala security personnel il-Fuego, u li huma xhieda ghal kollox indipendenti, u hadd minnhom ma qal li ra lill-imputat hdejn il-Fuego meta nqalghet il-kommozzjoni. David Bonello qal li huwa gharaf biss lil Franco Sammut bhala l-persuna li kien gera wara Schembri.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti dwar x'sehh fil-15 ta' Awwissu 2009 u l-kunflitt huwa tali li ma jidrilhiex li tista' temmen verzjoni wahda u tiskarta l-ohra specjalment meta wiehed jikkunsidra li ebda wiehed miz-zewg xhieda ghal kollox indipendenti u estranji ghal fatti, u cioe' David Bonello u Anthony Azzopardi, ma identifika lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li grew wara Schembri sal-Fuego. Una volta li jezisti d-dubju jekk effettivament il-qata' fuq ghajnejn

[1] Li xehed fl-udjenza tat-8 ta' Jananr 2010.
[2] Li wkoll xehed fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2010
[3] Li xehed fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2010.

Anthony Schembri gietx kawzata minn daqqa ta’ radio li tah l-imputat kif qed isostni l-istess Schembri jew altrimenti bid-daqqa ta’ ras li huwa stess ta lil Franco Sammut, kif qed isostni dan tal-ahhar, dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat u kwindi jsegwi li l-Qorti ma tistghax issib lill-istess imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------